FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 28 TA' FRAR, 2002**

**Numru:**

**Avviz Nru: 473/01 JB**

**Michael Attard Ltd**

**vs**

**Edward Criminale**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' Lm671.55c (sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi) dovuti bhala import ta' sitt kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal- 25 ta' April 2001 u tat- 8 ta' Gunju, 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mis-socjeta attrici fil- 15 ta' Jannar, 2002 li biha cediet s-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza fejn zammet ferm il-kap ta' l-ispejjes.

Sema lill- Dr. Rueben Farrugia jikkonferma bil-gurament li l-ispejjes mitlubin ghadhom ma thallsux;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes, bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**